TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 469/10

**Mary Grace u Joseph Borg**
**vs**
**Mr Lee – Mr Kenneth Camilleri**

Illum 31 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), rappreżentanti prezz ta' *liquid membrane* li sar fuq il-bejt, b'sentejn garanzija u li beda jinqala' wara ż-żmien.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ingaġġaw lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' *liquid membrane* fuq il-bejt u li kellu jkollu sentejn garanzija. Illi dan il-*liquid membrane* beda jitqaxxar qabel iż-żmien u b'hekk ix-xogħol kien sar għalxejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta, minkejja li saru diversi tentattivi.

Kif ukoll it-Tribunal, jinnota illi l-intimat kien għadu ma ssottomettiex risposta bil-miktub għal din it-talba.

It-Tribunal qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, u jara li n-nuqqas ta' risposta u anke t'attendenza min-naħa tal-intimat, juri li m'għandux oġġezzjoni għal din it-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat, u inklużi l-ispejjeż tal-posta u ta' l-Affissjoni.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**